MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 676/2001/1

**Adelaide Ellul, xebba, Edmea u Michael mizzewgin Calleja u John Ellul ahwa Ellul u b'digriet tat-15 ta' Mejju 2002 l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem Adelaide Ellul u Edmea Ellul *stante* l-mewt ta' l-istess huhom John Ellul fil-mori tal-kawza.**

**vs.**

**Carmel sive Charles Ellul u martu Mary Ellul.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 20 ta' April 2001 a fol. 1 tal-process u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversamsent presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R.Micallef fejn gie premess:-

Illi l-atturi kienu jikru lill-konvenut il-fond tlettax (13) Saint Publius Street, Floriana, liema kirja kienet giet terminata b'sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fil-5 ta' Novembru 1997 (sussegwentement konfermata mill-Onorabblu Qorti ta' l-Appell) u peress li meta hadhu lura l-imsemmi fond huma ndunaw li l-entratura mill-istess fond ghall-kantina ta' tahtha, li kienet tifforma parti minnha, kienet giet maghluqa abbusivament mill-konvenuti li fethu apertura ohra mill-istess kantina ghall-fond limitrofu numru 14, Saint Publius Street, Floriana, fejn huma kienu u ghadhom jabitaw u peress li *nonosotante* l-ittra ufficjali tat-22 ta' Ottubru 1999, il-konvenuti naqqsu li jiehdu l-passi mehtiega biex l-imsemmija kantina terga' issir parti tal-fond ta' l-atturi numru 13, Saint Publius Street, Floriana, billi jaghlqu l-apertura li fethu mill-fond limitrofu numru 14, Saint Publius Street, Floriana, u jifthu l-apertura li mill-parti ta' fuq tal-fond ta' l-atturi kienet taghti ghall-imsemmija kantina gia` formanti parti minnu.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tordna li l-istess konvenuti:-

1. Jigu kundannati minn din l-Onorabbli Qorti biex fi zmien qasir u perontorju *okkorrendo* taht id-direzzjoni ta' perit nominandi, a spejjez taghhom, jaghmlu x-xoghlijiet kollha mehtiega sabiex l-imsemmi kantina terga' tifforma parti mill-fond ta' l-atturi 13, Saint Publius Street, Floriana billi jghalqu l-apertura, li nfethet abbusivament mill-konvenut, mill-istess kantina ghal fond limitrofu 14, Saint Publius Street, Floriana, okkupati mill-konvenuti, u billi jifthu l-apertura li nghalqet abbusivament mill-konvenuti u kienet taghti mill-parti ta' fuq tal-fond 13, Saint Publius Street, Floriana ghall-imsemmija kantina gia` formanti parti ta' l-istess fond, u billi isiru wkoll ix-xoghlijiet l-ohra kollha necessarji sabiex l-istess fond 13, St. Publius Street, Floriana, bil-kantina mieghu jitqieghed fl-istat tieghu li kien qabel l-agir abbusiv u illegali fuq imsemmi tal-konvenuti;

2. Ghaliex fin-nuqqas da parti tal-konvenuti li jaghmlu x-xoghlijiet imsemmija fl-ewwel domanda fit-terminu lilhom moghti, m'ghandhomx l-atturi jigu awtorizzati jaghmlu a

spejjez tal-konvenuti l-imsemmija xoghlijiet u dan taht id-direzzjoni tal-perit nominandi minn din l-Onorabbli Qorti – b'riserva ghad-danni.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Ottubru 1999 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process li huma:- Dok. "A" - deskrizzjoni tal-fond 14, St. Publius Street, Floriana maghmula mill-Perit Richard Aquilina u Dok. "B" pjanta maghmula mill-istess perit ghall-istess fond li juru li fit-8 ta' Jannar 1976 il-fond 14, St. Publius Street, Floriana ma kellux kantina kollox a fol. 5 u 6 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata nhar is-26 ta' April 2001 ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef ghas-seduta tat-12 ta' Gunju 2001.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata t-28 ta' Mejju 2001 a fol.11 tal-process fejn gie eccepit illi:-

1. L-ewwel talba ta' l-atturi ghandha tkun respinta billi l-kantina inkwistjoni taghmel parti mill-fond 14, Triq San Publiju, Floriana, mhux mill-fond 13, ta' San Publiju, Floriana. L-eccipjenti ma ghamlu xejn illegali jew abbuziv kif pretiz mill-atturi.

2. Konsegwentement ghandha tkun michuda t-talba ta' l-atturi sabiex isiru xoghlijiet intizi biex il-kantina in kwistjoni tkun segregata mill-fond 14, Triq San Publiju, Floriana, u sabiex issir taghmel parti mill-fond 13, Triq San Publiju, Floriana.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 12 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R.Micallef tat-12 ta' Gunju 2001 a fol.14 tal-process fejn deher il-konvenut mghejjun mill-avukat Joseph Zammit McKeon. L-avukat David Harding issejjah tliet darbiet ma deherx. Billi l-attur ma kienx notifikat bl-avviz tas-smiegh il-kawza giet differita ghall-11 ta' Ottubru 2001; tal-11 ta' Ottubru 2001 fejn dehret l-attrici mghejjuna mill-avukat David Harding u l-konvenut mghejjun mill-avukat Joseph Zammit McKeon. L-attrici tat formalment ruhha notifikata bl-avviz. Billi din il-kawza setghet tithalla ghal provi tas-smiegh fil-mertu, giet differita ghas-16 ta' Jannar 2002 ghall-provi ta' l-attur biex tinstema' quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta. Inghata digriet ta' l-affidavit lill-atturi sabiex sa zmien erbghin (40) gurnata jipprezentaw l-affidavits taghhom u tax-xhieda minnhom indikati, li jistghu isiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif illum presjeduta tas-16 ta' Jannar 2002 (fol.18) fejn deher Dr. Joseph Zammit McKeon ghall-konvenuti prezenti u Dr. David Harding ghall-atturi. Il-Qorti estendiet lill-atturi l-perijodu ghall-prezentata ta' l-affidavits b'sittin (60) gurnata. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi attrici ghall-11 ta' April 2002; tal-11 ta' April 2002 fejn deher Dr. Joseph Zammit McKeon ghall-konvenut prezenti u Dr. David Harding ghall-attrici prezenti, li fihom informa l-Qorti li miet l-attur John Ellul fil-mori tal-kawza. Il-kawza giet differita ghall-legittimazzjoni ta' l-atti quddiem din il-Qorti kif diveresament presjeduta mill-Onorabbli Mhallef David Scicluna ghall-21 ta' Mejju 2002.

Rat ir-rikors ta' Adelaide Ellul *et* u d-dokumenti annessi datat 29 ta' Gunju 2002 a fol. 20 tal-process fejn talbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza lill-imsemmija Adelaide Ellul u Edmea mart Michael Calleja jissoktaw il-kawza minflok il-parti mejta u dan skond l-**artikolu 806 tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili,** salv dejjem kull provvedimenti li din l-Onorabbli

Qorti joghgobha taghti. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna, bid-digriet taghha tal-15 ta’ Mejju 2002, laqghet it-talba u ordnat it-trasfuzzjoni tal-gudizzju kif gie mitlub.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-21 ta’ Mejju 2002 (fol.30) fejn dehru Dr. Joseph Zammit McKeon u l-attrici Adelaide Ellul. Billi kienet saret il-legittimazzjoni ta’ l-atti, il-kawza giet differita ghall-provi ta’ l-attrici ghat-30 ta’ Ottubru 2002.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri (fol.31) tat-30 ta’ Otturbu 2002 fejn dehru l-attrici u l-konvenut. Il-kawza giet posposta ghall-ghaxar (10) minuti peress li d-difensuri kienu okkupati f’kawza ohra. Il-kawza giet rikjamata fil-12.15.p.m. u xehdet l-attrici **Adelaide Ellul.** Il-kawza giet differita ghall-4 ta’ Marzu 2003 ghall-provi ta’ l-attrici.

Rat l-avviz moghti mill-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-3 ta’ Marzu 2003 fejn minhabba li l-Imhallef sedenti kien indispost il-kawza giet differita ghas-7 ta’ Mejju 2003.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-7 ta’ Mejju 2003 (fol.40) fejn dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri. Xehed l-**Perit Nicholas Sammut Tagliaferro** fejn esebixxa wkoll rapport illi ndika fix-xhieda tieghu u li gie mmarkat bhala Dok ‘NT’, kif ukoll xi ritratti u xehed ukoll il-**Perit David Pace,** prodotti t-tnejn mill-atturi; tal-25 ta’ Gunju 2003 fejn dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri. Xehed il-**Perit Richard Aquilina** prodott mill-atturi u li pprezenta kopja tad-deskrizzjoni u l-pjanta tal-postijiet li gew immarkati bhala Dok “RY”. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni tal-provi atturi ghas-7 ta’ Novembru 2003; tas-7 ta’ Novembru 2003 fejn deher Dr. David Harding ghall-attrici prezenti u Dr.Joseph Zammit McKeon ghall-konvenut prezenti. Xehed il-**Perit Richard Aquilina** prodott mill-atturi u l-**attrici Adelaide Ellul** li

pprezentat ukoll zewg ritratti li huma mmarkati Dok ‘Y1’ u Dok ‘Y2’. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni provi attrici ghat-23 ta’ Jannar 2004; tat-23 ta’ Jannar 2004 fejn dehret l-attrici assistita minn Dr.David Harding u l-konvenut assistit minn Dr.Joseph Zammit McKeon. Xehed il-**Perit David Pace** prodott mill-attrici. Il-kawza giet differita ghas-16 ta’ Marzu 2004 ghall-kontinwazzjoni tax-xhieda tal-Perit Pace; tas-16 ta’ Marzu 2004 fejn dehret l-attrici assistita minn Dr.David Harding u l-konvenuti assistiti minn Dr.Joseph Zammit McKeon. Xehed il-**Perit David Pace** prodott mill-attrici u li pprezenta tliet Dokumenti u mmarkati Dok ‘DP1’, Dok ‘DP2’ u Dok ‘DP3’. L-atturi ddikjaraw li ezawrew il-provi. Il-kawza giet differita ghall-11 ta’ Mejju 2004; tal-11 ta’ Mejju 2004 fejn deher il-konvenut assistit minn Dr.Joseph Zammit McKeon. Xehed il-**konvenut Charles Ellul.** Sussegwentement deher Dr.David Harding ghall-atturi. Il-kawza giet differita ghat-22 ta’ Gunju 2004 ghall-kontinwazzjoni tal-provi konvenuti; tat-22 ta’ Gunju 2004 fejn deher Dr.David Harding ghall-atturi u Dr.Joseph Zammit McKeon ghall-konvenuti. Xehdet **Mary Ellul** prodotta mill-konvenuti. Il-kawza giet differita ghas-26 ta’ Ottubru 2004 ghall-kontro-ezami tal-konvenuti; tas-26 ta’ Ottubru 2004 fejn deheru l-partijiet u d-difensuri taghhom. Dr.Harding iddikjara li mhux ser jaghmel kontro-ezami tal-konvenuti *purche`* jigi nominat Perit Tekniku biex jezamina l-fond indikat fic-citazzjoni bil-ghan li jistabbilixxi l-access ghall-kantina li kien hemm fil-fond in kwistjoni u talab zmien biex b’rikors jindika dettaljatament l-iskop tat-talba tieghu. Il-kawza giet differita ghall-10 ta’ Dicembru 2004 ghall-kontinwazzjoni.

Rat ir-rikors ta’ Adelaide Ellul *et* datata 9 ta’ Dicembru 2004 fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha tinnomina Perit biex jaghmel pjanta jew pjanti u dan taht u skond id-drittijiet ta’ din l-Onorabbli Qorti *a meno che* il-Qorti jidhrilha li f’dan l-istadju jkun izjed utili li taghmel access hija stess ghall-istess finijiet.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-10 ta’ Dicembru 2004 fejn deher Dr.Joseph Zammit McKeon ghall-konvenut prezenti u l-attrici

Adelaide Ellul. Il-Qorti rriservat li tipprovdi wara li l-konvenuti jigu notifikati bir-rikors tad-9 ta’ Dicembru 2004 u jirrispondu fi zmien ghaxart ijiem (10) min-notifikat. Il-kawza giet differita ghas-16 ta’ Frar 2005 ghall-provvediment.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-16 ta’ Frar 2005 a fol.118 tal-porcess fejn dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri taghhom. Dr.Joseph Zammit McKeon irrimetta ruhu ghad-decizzjoni tal-Qorti. Il-perit kellu jaccedi fuq  il-post u ezamina l-pjanti esebiti u d-dispozizzjoni gia` mismugha. L-inkarigu kien limitat ghall-ezami ta’ l-atti u ma jinkludhix smiegh ta’ xhieda. Pero`gie awtorizzat jiehu kjarifiki, mill-partijiet, mhux bil-gurament. Kien fid-diskrezzjoni tal-perit jekk jaccediex fil-fond 13 ghall-finijiet ta’ l-inkarigu tieghu u dan a spejjes provizorji ta’ l-attur. Il-Qorti nnominat ghal dan l-iskop lill-Perit Godwin Abela. Il-kawza giet differita ghat-12 ta’ April 2005 ghar-rapport; tat-12 ta’ April 2005 fejn deher il-Perit Tekniku Godwin Abela. Il-kawza giet differita ghall-25 ta’ Mejju 2005 ghar-rapport; tal-25 ta’ Mejju 2005 fejn dehru l-partijiet u Dr.Joseph Zammit McKeon ghall-konvenuti. Il-perit gudizzjarju gie awtorizzat li jahlef ir-rapport fir-Registru, b’dan li l-artikolu 667 jibda jiddekorri mill-ewwel udjenza wara li jigi pubblikat r-rapport. Il-kawza giet differita ghat-12 ta’ Ottubru 2005 ghall-ezami tar-rapport; u tat-12 ta’ Ottubru 2005 fejn dehru l-partijiet u Dr.Joseph Zammit McKeon ghall-konvenuti. L-attrici ddikjarat li hija halset id-drittijiet tal-perit. Deher il-Perit Godwin Abela u kkonferma bil-gurament ir-relazzjoni tieghu. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza dehru l-partijiet u d-difensuri taghhom. Dr.Harding informa lill-Qorti li l-atturi ser jirrimettu ruhhom ghar-rapport. Il-partijiet gew awtorizzati ghan-nota ta’ osservazzjonijiet u jibdew l-atturi. Il-kawza giet differita ghat-2 ta’ Dicembru 2005 ghall-prezentata tan-nota ta’ l-atturi.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku AIC Godwin P.Abela pprezentat fir-Registru fl-20 ta’ Mejju 2005 u mahluf fis-seduta tat-12 ta’ Ottubru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-2 ta' Dicembru 2005 a fol.131 tal-process fejn dehru l-partijiet u Dr. David Harding li pprezenta nota tal-osservazzjonijiet b'kopja li giet konsenjata lill-konvenut *seduta stante*. Il-kawza giet differita ghall-20 ta' Jannar 2006 ghall-prezentata tan-nota tal-konvenuti.

Rat l-ordni ta' din il-Qorti kif illum attwalment presjeduta datata 20 ta' Jannar 2006 u l-verbali tas-seduti mizmum quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tat-2 ta' Marzu 2006 fejn deher Dr. Joseph Zammit McKeon ghall-konvenut prezenti li talab zmien biex jipprezenta nota responsiva. Prezenti wkoll l-attrici. Dr. David Harding ghall-attrici msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-Qorti tat tletin (30) jum zmien lil Dr. Joseph Zammit McKeon biex jipprezenta nota responsiva b'kopja lill-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-11 ta' Mejju 2006; tal-11 ta' Mejju 2006 fejn deher Dr. Joseph Zammit McKeon ghall-konvenuti u l-attrici Adelaide Ellul. Dr. David Harding issejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Dr. Joseph Zammit McKeon prezenta nota responsiva b'kopja lill-kontro-parti *seduta stante.* Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ostakolu ghat-30 ta' Novembru 2006.

Rat l-atti kollha prezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-atturi qed jallegaw li wara s-sentenza mill-Bord li Jirregola l-Kera tal-5 ta' Novembru 1997, li giet ukoll ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fejn il-konvenuti gew ikkundannati sabiex jaghtu l-fond numru 13, Saint Publius Street, Floriana lill-atturi, wara ordni ta' zgumbrament relattivi, u wara li hadu pussess ta' l-istess fond, huma ndunaw li l-konvenuti

kienu zammew ghandhom parti mill-istess fond, u dan billi l-entratura mill-istess fond numru 13 ghall-kantina ta' tahtha giet maghluqa mill-konvenuti u minflok dawn ghamlu apertura li taghti mill-fond numru 14, St. Publius Street, Floriana ghall-istess kantina f'liema fond il-konvenuti kienu u ghadhom joqghodu u ghalhekk talbu li din il-Qorti tordna lill-istess konvenuti sabiex jaghmlu x-xoghlijiet necessarji sabiex l-istess kantina tigi annessa mal-fond riprestinat numru 13, St. Publius Street, Floriana, u jigi maghluq allura l-access tal-konvenuti mill-fond li ghandhom fil-pussess taghhom numru 14, St. Publius Street, Floriana, anke ghaliex qed jigi allegat li huma holqu access ghall-istess kantina abbusivament, u fin-nuqqas li tali xoghol issir mill-konvenuti fit-terminu qasir u perentorju lilhom prefiss, l-atturi jigu awtorizzati jaghmlu tali xoghlijiet huma okkorrendo taht id-direzzjoni ta' perit nominandi, a spejjez ta' l-istess konvenuti.

Illi min-naha taghhom il-konvenuti opponew ghall-istess ghaliex sostnew li l-istess kantina kienet taghmel parti mill-fond taghhom 14, St. Publius Street, Floriana u ghalhekk it-talbiet attrici kellhom jigi michuda.

Illi din il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha prodotti, u wara li rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Godwin Abela inkarigat minn din il-Qorti diversament presjeduta thoss li l-allegazzjonijiet attrici gew ippruvati u dan anke peress li jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li minn ezami u spezzjoni tal-fond li kien ghamel il-Perit Tekniku Richard Aquilina, fil-fond 14, St. Publius Street, Floriana allura gja okkupat mill-konvenut, jidher car mid-diskrezzjoni u l-pjanta ta' l-istess fond rispettivament esebiti a fol. 5 u 6 tal-process bhala Dok. “A” u Dok. “B” annessi mac-citazzjoni attrici, li l-istess fond ma kellu ebda access ghall-kantina li kienet tinsab taht il-*garage* numru 13 St. Publius Street, Floriana.

Illi fil-fatt l-istess pjanta  u deskrizzjoni gew ikkonfermati li saru mill-Perit Richard Aquilina fix-xhieda tieghu tal-25 ta' Gunju 2003 li kkonferma li l-pjanta tal-fond numru 14, St, Publius Street, Floriana, saret fis-sena 1976 u allura ma hemm l-ebda dubju li x-xoghol sabiex l-istess kantina giet

separata mill-fond numru 13 sar wara meta l-istess fond kien ghadu fil-pussess tal-konvenuti u dan proprju ghaliex fl-istess pjanta ma hemm ebda ndikazzjoni ta' xejn li kien hemm xi access ghall-istess kantina.

Illi jirrizulta wkoll  li dan il-fond numru 13, St. Publius Street, Floriana kien ukoll mikri lill-konvenut u wara s-sentenzi tal-Qorti premessa fejn l-istess konvenut/konvenuti gew ordnati jizgumbraw mill-istess fond, l-istess konvenuti rrilaxxaw il-fond favur l-atturi, li meta dahhlu fl-istess fond sabu li l-konvenuti kienu ghamlu hajt fejn imbarraw l-access mill-istess fond ghall-imsemmija kantina, u tant huwa minnu dan li l-istess attrici Adelaide Ellul spjegat li dan il-hajt inbena fin-nofs fejn kien hemm switch ghal *three pin plug*, haga li tindiga li originarjament l-istat tal-fond ma kienx fil-mod li hallewh il-konvenuti; minflok jidher li l-konvenuti holqu access ghall-istess kantina mill-fond taghhom 13, St. Publius Street, Floriana, u dan sar minn taht it-tarag ta' l-istess fond, ezatt mal-hajt tal-kantina. Jidher li dan ix-xoghol kollu sar meta ovvjament l-istess konvenuti kellhom pussess kemm tal-fond numru 13 u wkoll dak numru 14, St. Publius Street, Floriana, b'dan pero' li meta l-konvenuti rrilaxxaw il-fond numru 13, St. Publius Street, Floriana lill-atturi, baqghu jzommu l-imsemmija kantina u dan billi zammew l-access li l-istess fond numru 13  kellu ghaliha maghluq bil-hajt imsemmi, fil-waqt li zammew l-access li kellhom ghall-istess kantina mill-fetha li huma ghamlu fil-fond numru 14, b'dan li ghalhekk jidher li ppruvaw iccahdu lill-atturi mill-uzu ta' l-istess kantina, li kienet dejjem tifforma parti mill-fond numru 13  u mhux 14, u f'dan ir-rigward ix-xhieda ta' l-attrici Adelaide Ellul hija kkonfermata mid-deskrizzjoni u l-pjanta li gew redatti mill-Perit Richard Aquilina u li huma datati 9 ta' Jannar 1976, li huma verament dettaljati u juru l-ambjenti kollha tal-fond 14, St. Publius Street, Floriana u dan kamra kamra, kif jidher a fol 5 u 6 tal-process u mkien ma hemm indikat li l-istess fond kellu f'dak iz-zmien access ghall-kantina mertu tal-kawza odjerna. Anzi jidher car li l-istess access kien mankanti ghal kollox kif sewwa kkonstata wkoll il-Perit Legali Godwin Abela fir-rapport tieghu tal-20 ta' Mejju 2005, li kkonkluda b'dan il-mod anke wara li ra l-pjanti kollha esebiti, x-xhieda kollha

prodotta u anke acceda fuq iz-zewg postijiet imsemmija f'din il-kawza, kif din is-sentenza ser turi aktar il-quddiem b'riferenza diretta ghal-istess rapport.

Illi jidher car li dan jinsab ikkonfermat mir-rapport tal-perit Nocholas Sammut-Tagliaferro wara l-access li huwa zamm fit-12 ta' Awissu 1999 fejn huwa kkonstata li kien hemm zewg bibien li kienu mbarrati bil-gebel, li kienu xoghol ricenti ntizi sabiex jostokalaw l-access li kien hemm mill-fond numru 13, St. Publius Street, Floriana ghall-kantina; gie kkonstat minnu li dawn gew imbarrati fi zmien iktar ricenti u dan ghaliex tbajdu fi zmien differenti mill-kumplament tal-post – li sar wara huwa wkoll rifless mill-fatt, li kif spjega l-perit fix-xhieda tieghu tas-7 ta' Mejju 2003, wiehed mill-hitan sar b'tali mod li *switch* ta' l-elettriku jidher biss nofsu, imbarrad bil-gebel ghax qisu qalb. *"Kien hemm conduit. Casing tal-injam fuq barra u jidher car mir-ritratt li dan gie mbarrad bil-gebel meta l-bieb gie mbarrad"* u dan jinsab ikkonfermat ukoll mic-certifikat esebiti bhala Dok. "NT" a fol. 41 tal-process u mir-ritratti li juru car l-imbarrar li sar mill-istess hitan a fol. 42 tal-process, fejn jidher id-differenza fiz-zebgha u wkoll fir-ritratt ta' taht l-*conduit*, u s-*switch* tad-dawl u tahtu ezatt hemm *switch* nofsu taht il-gebel u kollox jidher li gie mbarrad gdid. Ma hemm l-ebda dubju li b'dan il-mod gie wkoll ippruvat li dan ix-xoghol kollu sar meta l-istess fond numru 13 kien ghadu ghand il-konvenuti, flimkien mal-fond 14, St. Publius Street, Floriana li sallum ghadu ghand l-istess konvenuti. Dan ukoll huwa konfortat mill-konkluzjonijiet li wasal ghalihom il-Perit Tekniku Godwin Abela, li ha wkoll konjizzjoni ta' l-istess u wara li acceda fuq il-post wasal ghall-konkluzjoni li taghti ragun lill-atturi, u li dan ix-xoghol sar mill-konvenuti sabiex il-kantina mertu tal-kawza odjerna ma tibqax mal-fond numru 13, izda b'mod abbusiv tigi tifforma parti mill-fond numru 14, kif inhu l-istat illum u kien ghalhekk li saret l-azzjoni attrici.

Illi mhux biss izda mir-ritratti esebiti bhala Dok. "Y1" u Dok. "Y2" jirrizulta li l-hanut kellu u ghad ghandu quddiemu sprall tal-hadid ma' l-art, li huma fuq l-istess kantina u din il-Qorti tirreferi ghax-xhieda ta' l-attrici datata

7 ta' Novembru 2003 u r-ritratti hawn indikati esebiti f'dik id-data a fol. 54 tal-process.

Illi fil-fatt gie kkonfermat mill-Perit David Pace li meta kien inkarigat minn Qorti f'kawza ohra li kien involut il-konvenut, huwa kien acceda fil-fond numru 14, St. Publius Street, Floriana u sab li l-istess fond kellu access ghall-istess kantina sottoposta ghall-beni ta' terzi u dan jirrizulta wkoll mid-diskrezzjoni li kien ghamel ta' l-istess fond f'kawza ohra quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (Citaz. Numru 921/91/GCD) u li jinsab esebiet bhala Dok. "DP3" a fol. 70 tal-process u fl-istess xhieda tieghu tas-16 ta' Marzu 2004 jghid li kien hemm bieb imbarrat li jghati *"ghal 'third party property"* kollox a fol. 84 tal-process. Fil-fatt ghamel indikazzjoni ta' l-istess fuq il-pjanta Dokument "B" annessa mac-citazzjoni attrici a fol. 6 tal-process bil-mod kif indikat fl-istess xhieda tieghu a fol. 91 tal-process.

Illi fil-fatt il-konvenut ikkonferma li ilu joqghod fil-fond 14, St. Publius Street, Floriana ghall-hamsa u tlettin sena u ma hemm l-ebda dubju ghalhekk li l-istess xoghlijiet lamentati mill-atturi saru minnu. Mill-bqija din il-Qorti thoss li l-versjoni tal-konvenut ma hijiex kredibbli u hija wkoll kontradetta mix-xhieda u dokumenti fuq indikati u dan apparti n-nuqqas ta' versosimiljanza f'dak li xehed l-istess konvenut fix-xhieda tieghu fejn ghalkemm qal li l-*garage* kien parti mid-dar, izda din lanqas hija kredibbli ghaliex jirrizulta mix-xhieda tieghu stess, li meta huwa dahal fid-dar, l-istess *garage* kien mikri lill-parukkier u allura ma kienx parti mill-istess dar li kien qed jabita fiha. Jammetti wkoll, kontra dak li qal qabel fix-xhieda tieghu stess, li l-istess parrukkier kien juza dik il-bicca ta' taht it-tarag ghax kien jaghmel il-mishun hemmhekk u dak li huwa sejjah bhala mbarraz, izda a fol. 102 tal-process l-istess konvenut ammetta li *"issa mbaghad kelli naghalqa u bil-fors ghax dika jekk inhalliha jidhlu ghandi".* Ammetta wkoll li gie ghandu l-Perit Aquilina ghalkem mid-deskrizzjoni ta' l-istess Perit Aquilina tal-fond numru 14 li fih kien jghix il-konvenut, jidher car li dawn ix-xoghlijiet kollha sabiex jaccedi minn dan il-fond ghall-kantina kienu ghadhom ma sarux ghaliex mhux indikati mill-pjanti redatti mill-istess perit, ghalkemm l-konvenut jghid li kien gja ha l-garaxx

jew ahjar il-hanut li kien ghand il-parrukkier, u dan certament ikompli jimmillita kontra t-tezi tal-konvenut.

Illi fuq kollox din il-Qorti tirreferi ghar-rapport peritali tal-Perit Tekniku Godwin Abela, fejn l-istess perit tekniku wara li kkonstata dak li nnotata fl-access li zamm fil-fondi 13 u 14 Triq San Publju, Floriana u dan kollox kif indikat bir-ritratti f'paragrafi 1 sa 7 tar-relazzjoni tieghu f'pagna 2 sa 7 ta' l-istess relazzjoni (fol. 125 sa fol. 128 tal-process) li l-istess Qorti taddotta bhala parti minn din is-sentenza, ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet u cjoe' li:-

*"1. Fil-pjanta tal-fond numru 14 u cjoe' dak tal-konvenut immarkata Dok. "B" a fol. 5 tal-process maghmula f'1976 mill-perit Richard Aquilina ma hemm l-ebda referenza ghall-bieb jew fetha taht it-tarag fl-ewwel sular (pjan terran), liema fetha taghti ghall-bokkaport fuq it-tarag tal-kantina, dan kif dekskritt u muri fl-access,. Paragrafu 1. Li l-Perit Aquilina kien ghamel pjan ta' divizzjoni tal-proprjeta` ta' missier il-partijiet Carmelo Ellul".*

*"2. Fl-istess pjanta ta' l-ewwel sular, il-pjan terran, hemm indikat illi l-fetha tal-bieb imbarrata kienet fil-hajt taht il-pjan tat-tarag u mhux kif deskritt fl-access, paragrafu 1. Dan il-bieb kien konness ma' l-fond adjacenti mhux mertu ta' din il-kawza"*

Illi minbarra dan l-istess perit tekniku kkonstata li l-pjanta Dok. "DP 1" ma kellha x'taqsam xejn mal-fondi mertu ta' din il-kawza u li d-Dokument "DP 2" kien jiddiskrivi l-istat tal-fond numru 14 meta sar l-access fil-kors tal-kawza Citaz. Numru 921/91 (mhux 911/91) u dan ifisser li l-fteha deskritta u murija f'access paragrafu 1 kienet tezisti almenu fid-data ta' l-istess access mill-Perit David Pace; ha konjizzjoni tax-xhieda tal-konvenut moghtija fil-11 ta' Mejju 2004, fejn qal li l-bieb muri mblukkat f'Access paragrafu 4, kien hekk meta huwa kellu l-garaxx u pprefera jiftah bieb minn go l-entratura kif muri f'Access paragrafu 5 li gie mblukkat meta ta l-garaxx lura lill-atturi u fl-ahharnett ikkonstata li l-attrici hadet il-pussess tal-fond numru 13 minghand il-konvenut biss fis-sena 1999 meta dahal il-perit Sammut-Tagliaferro.

Illi fuq dan kollu l-istess perit tekniku kkonkluda li:

*A. Il-fondi in kwistjoni, flimkien ma' xi fond jew fondi ohrajn, kienu xi darba jiffurmaw fond wiehed u li dan il-fond gie diviz permezz ta' ezercizzju li kien ghamel il-perit Richard Aquilina f'1976. Minn dan l-ezercizzju gie ffurmat il-fond numru 14 li pjanta tieghu tinsab a fol.5 tal-process.*

*B. Il-fetha jew bieb baxx li deskritt u muri f'Access paragrafu 1 u li jaghti mill-fond tal-konvenut ghall-bokkaport fuq il-garigor tal-kantina, ma kienx jezisti f'1976. Din il-fetha saret bejn 1976 u 1999.*

*C. Il-kantina sottostanti l-fond numru 13 u cioe` il-garaxx, kellha access dirett mill-istess garaxx u tifforma parti integrali tieghu".*

Illi din il-Qorti thoss li l-istess rapport tekniku b'hekk ikompli jikkonferma dak li l-istess atturi resqu bhala provi li permezz taghhom, kif ukoll hawn indikat, jidher li l-allegazzjoni attrici giet ippruvata u b'hekk l-atturi onoraw u osservaw l-oneru taghhom ta' prova li kien jinkombi fuqhom u dan fil-grad rikjest mill-ligi u ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, u r-rapport peritali minn persuna ndipendenti jkompli jikkonferma dan. B'hekk kontrarjament ghal dak allegat mill-konvenuti fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom l-atturi rnexxielhom jissodisfaw ampjament il-prova sal-grad rikjest mill-ligi u fil-fatt din il-Qorti thoss ic-certezza morali sabiex twassalha biex tghid li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha. Min-naha l-ohra l-allegazzjonijiet tal-konvenuti ma gew bl-ebda mod ippruvati, huma kontradetti mix-xhieda u minn diversi rapporti teknici mhux lanqas dawk tal-perit tekniku Godwin Abela li huwa car u skjet fil-konkluzjonijiet tieghu, naturalment dawk ta' natura teknika, li bl-ebda mod ma gew riskontrati mill-konvenuti.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Anthony Montebello proprio et nomine vs Max G. Micallef proprio et nomine"** (P.A. (P.S.) 9 ta' Dicembru 2002) li "*kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-*

*konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kinitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kelliex leggerment tinjora dik il-prova." ("***John Saliba -vs- Joseph Farrugia***", *Appell, 28 ta' Jannar 2000; "***Joseph Calleja nomine -vs- John Mifsud***", Appell, 19 ta' Novembru 2001".*

Illi dan huwa konformi ma dak li gie ritenut diversi drabi nkluz fis-sentenza **"Spiteri Tiles Limited vs Raymond Borg"** (P.A. (RCP) 28 ta' Frar 2002) fejn inghad similment li "*huwa sintomatiku ghalhekk li fid-dawl ta' dan kollu jinghad li ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzzjoni taghha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-***artikolu 681 tal-Kap 12,** *jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni pertali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti "ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami"* (***"Philip Grima vs Carmelo Mamo –*** *A.C. 29 ta' Mejju 1998;* ***"Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca" –*** *A.C. 6 ta' Ottubru 1999;* ***"John Saliba vs Joseph Farrugia"*** *A.C. 28 ta' Jannar 2000;* ***"Sammy Tabone vs Carmel Tabone et"*** *– A.C. 5 ta' Ottubru 2001)".*

Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li ntqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Giswarda Bugeja *et vs* Emmanuele Muscat *et*"** (A.C. 23 ta' Gunju 1967 – Vol. LI.i.390) fejn intqal li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *'b'danakollu, l-'giudizio dell'arte' espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta' lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali jigi*

*skartat facilment ammenoche' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli".*

Illi fil-kaz in ezami l-opinjoni teknika hi wahda valida u ghalhekk hu l-kaz li l-Qorti taddottaha ghall-iskop tal-gudizzju taghha u dan anke ghaliex jikkombaccja sew ma' l-ezami tal-provi li ghamlet din il-Qorti kif rifless f'din is-sentenza u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti respinti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza u taht id-direzzjoni ta' perit nominandi l-Perit Tekniku Godwin Abela, sabiex a spejjez ta' l-istess konvenuti, jaghmlu x-xoghlijiet kollha mehtiega kif diretti mill-istess perit tekniku sabiex l-imsemmi kantina terga' tigi tifforma parti mill-fond ta' l-atturi 13, Saint Publius Street, Floriana, u dan billi tinghalaq l-apertura li nfethet abbusivament mill-konvenut mill-istess kantina ghall-fond limitrofu 14, Saint Publius Street, Floriana, okkupati mill-konvenuti, u billi tinfetah l-apertura li kienet taghti l-access lill-atturi ghall-istess kantina mill-fond taghhom numru 13 hawn indikat, liema apertura nghalqet abbusivament mill-konvenuti u kienet taghti mill-parti ta' fuq tal-fond 13, Saint Publius Street, Floriana ghall-imsemmija kantina gia` formanti parti ta' l-istess fond, u billi jsiru wkoll ix-xoghlijiet l-ohra kollha necessarji sabiex l-istess fond 13, St. Publius Street, Floriana, bil-kantina mieghu jitqieghed fl-istat li kien qabel l-agir abbusiv u illegali fuq imsemmi tal-konvenuti;

2. Fin-nuqqas da parti tal-konvenuti li jaghmlu x-xoghlijiet imsemmija fl-ewwel domanda fit-terminu lilhom

hawn moghti, din il-Qorti tawtorizza lill-atturi sabiex jaghmlu huma l-istess xoghlijiet fuq indikati a spejjez tal-konvenuti u dan taht id-direzzjoni tal-perit nominandi l-Perit Tekniku Godwin Abela, tali nomina wkoll a spejjez tal-konvenuti.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Ottubru 1999 u tal-perit tekniku Godwin Abela anke kif hawn nominat kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------